MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 302/1993/2

**John Bonello bhala Chairman ta', ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Export Trade Corporation Limited**

**v.**

**1. John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited sew proprju kif ukoll bhala agenta ghan-nom tan-Norasia Lines**

**2. Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Limited (C-3478), sew proprju kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company (S.A.G).**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment dwar il-validita` tas-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2008, u tar-rikors tal-appell ta' Norasia Agencies (Malta) Ltd, in vista tad-diversi nuqqasijiet u zbalji li jirrizultaw mill-istess atti. Fil-fatt jirrizulta:

(i) li John Bonello ilu li spicca minn Chairman tal-Malta Export Trade Corporation Ltd (METCO) zgur mill-1996, pero`, baqa' jidher fl-okkju;

(ii) li x-xoghol tal-METCO ttiehed mill-Intrapriza ta' Malta bis-sahha tal-Att tal-2003 dwar l-Intrapriza ta' Malta (Kap. 463 tal-Ligijiet tal-Malta) pero`, ma saritx l-assunzjoni tal-atti;

(iii) li r-rappresentanza guridika ta' Norasia Agencies (Malta) Ltd saret ta' Paul Ripard, zida id-debita nota ma saritx;

(iv) li s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd giet amalgamata f'kumpanija ohra li jisimha John Ripard & Son (Shipping) Ltd u, ukoll ma saritx nota ta' dan;

(v) li din l-ahhar socjeta` ma hijiex agenta ta' Norasia Lines, u hadd ma jaf min jirraprezentaha.

Qabel ma titratta l-effett ta' dawn in-nuqqasijiet, din il-Qorti trid bilfors ticcensura lid-difensuri tal-partijiet ghal mod laxk kif, proceduralment, hallew lill-ewwel Qorti tipprocedi ghas-sentenza nonostante dawn il-bidliet kollha li sehhew fil-mori tas-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti. Il-meritu ta' kawza hu, ovvjament, importanti, pero`, is-smiegh irid isir fil-kuntest tal-partijiet debitament indikati fl-okkju, u dan peress li sentenza ghandha effett biss fuq il-partijiet kif murija fl-okkju tal-kawza. Hu, ghalhekk, dmir tal-partijiet u tal-avukati taghhom li jassiguraw li l-okkju jirrifletti s-sitwazzjoni attwali u reali tal-partijiet.

Trattati dawn in-nuqqasijiet, u ghalkemm gie ritenut li l-Artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, ma jippermettix lil din il-Qorti tikkorregi zbalji jew inezattezzi fl-atti tal-kawza quddiem Qorti inferjuri, din il-Qorti tara li n-nuqqasijiet elenkati ma ghandhomx iwasslu ghan-nullita` tal-atti aktar qabel imsemmija.

Hekk, fil-konfront tan-nuqqasijiet senjalati taht paragrafi (i) u (iii), dawn mhux aktar fatali fid-dawl tal-emenda legislattiva li tippermetti socjeta` li ghandha personalita` guridika taghha li tharrek u tigi mharka f’isimha stess, minghajr il-htiega li jigi citat ir-rapprezentant gudizzjarju taghha. Ghalhekk, bdil fil-persuna li originarjament ikun gie mharrek biex jirrapprezenta kumpanija, ma jwaqqax l-istat tal-kumpanija fil-kawza, ghax din tista’ toqghod “waheda” fil-kawza la darba hija “persuna” residenti Malta.

Fil-fatt, fis-sentenza li tat din il-Qorti, Sede Inferjuri, fid-19 ta’ Mejju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri v. Debattista**, gie osservat illi:

*“Fir-rigward ta’ dawn l-aggravji ma tistax tinghata twegiba ahjar minn dik tal-estratt hawn taht migjub, mehud mid-decizjoni fl-ismijiet **“Angela Fenech v. Joseph Felice noe**, Appell 28 ta’ Frar 1997:-*

*““Dan l-appell ma hu xejn hlief kavill legalistiku ghal kollox insostenibbli fil-ligi. L-Artikolu 181A tal-Kap. 12 jiddisponi b’mod car “meta tigi pprezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita` guridika, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp”. Dan ifisser illi jekk isem is-socjeta` (u dan jghodd ukoll ghal kull korp) li indubbjament ghandha personalita` guridika distinta gie mnizzel sewwa mill-attrici – u fuq dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni – l-istess socjeta` tkun giet imharrka sew u xejn izjed ma hu mehtieg. Hu allura irrelevanti l-isem tal-persuna li hija indikata bhala li ghandha r-rapprezentanza guridika ta’ dik is-socjeta`. Kemm jekk hi ndikata sewwa, kemm jekk hi indikata zbaljatament, kemm jekk kellha effettivament ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` wahedha, kemm jekk kellha tali rapprezentanza ma’ haddiehor, li ma jkunx gie maghha citat. Dawn huma dettalji li l-ligi ma tirrikjedix.*

*Dan ghaliex, kontrarjament ghal dak li kienet il-posizzjoni qabel l-emendi, illum m'hijiex citata l-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, imma hi s-socjeta` nfisha, qua persuna guridika, b'isimha biss li tigi citata."”*

La darba il-Legislatur deherlu li kellu jaghti lill-ghaqdiet b'personalita` guridika il-jedd li joqoghdu fil-kawza f'isimhom proprju, nuqqas fl-indikazzjoni tar-rapprezentant ma jwassal ghal ebda nullita` tal-Att (ara wkoll **“Refalo v. Bonello”**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 1997).

Fil-kuntest tal-ilment senjalat fil-paragrafu (ii), din il-Qorti hija infurmata li s-socjeta` METCO, fil-fatt, ghada tezisti u ghada registrata fir-registru tal-kumpaniji bhala kumpanija *in dissolution*. Kwindi, il-kumpanija ghada fl-istat li tkun parti f'kawza. Barra minn dan, l-Artikolu 40(2) tal-imsemmi Kap. 463 jipprovdi illi:

*“(2) Meta minnufih qabel id-data effettiva jkun hemm pendenti xi proceddiment legali li fih il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta jew il-Malta External Trade Company Limited jew l-Institute for the Promotion of Small Enterprise Limited ikunu parti jew ikollhom jedd li jkunu parti, u dawk il-procedimenti jkunu jirreferu ghal xi wahda mill-imprizi trasferiti, il-Korporazzjoni ghandha, b'sehh mid-data effettiva, tkun sostitwita f'dawk il-procedimenti minflok l-enti relattiva, skont ma jehtieg il-kaz, jew kienet kieku ssir parti fihom bl-istess mod bhalma xi wahda minn dawk l-entijiet, skont ma jkun il-kaz, kienet kieku ssir, u m'ghandhomx dawk il-procedimenti jieqfu minhabba f'dik is-sostituzzjoni.”*

Kwindi, mhux il-kaz li l-METCO “mietet”, imma semplicement saret amalgamazzjoni ta' diversi entitajiet governattivi f'entita wahda li giet maghrufa bl-isem ta' Intrapriza ta' Malta. Kien ikun ahjar jekk din il-bidla giet notata fl-okkju, pero`, dan in-nuqqas ma jgibx ghan-nullita` tas-sentenza u tar-rikors tal-appell, ghax *de iure* dik is-socjeta` baqghet tezisti, bil-funzjonijiet taghha, pero`, jitwettqu taht isem differenti. Il-“legitimazzjoni tal-atti”, wiehed jista' jghid, saret bis-sahha tal-istess ligi, u n-

nuqqas li dan jigi rifless fl-okkju ma jtellifx mill-validita` tal-atti.

Ghar-rigward tan-nuqqas senjalat taht paragrafu (iv), hawn ukoll mhux kaz li din is-socjeta` ma tezistix. Is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd, l-ewwel bidlet isimha ghal N.A. (Malta) Ltd, u fis-sena 2002 giet amalgamata mas-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Ltd. L-amalgamazzjoni ta' socjeta` ma' ohra ma jgibx ghall-"mewt" totali tas-socjetajiet, izda li wahda tkompli fil-"persuna" tas-sojceta` l-ohra.

Fil-fatt fil-ktieb ta' L.S. Sealy, **"Cases and Materials in Company Law"** (7th Edit. 2004 pagna 54), jinghad li meta jkun hemm merger, *"the result is that the shareholders who were members of the several amalgamating companies now together own and control <u>the same enterprises</u>, as one venture"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Kwindi, ghal fini tal-okkju tal-kawza, ma jistax jinghad li kien hemm bidla hekk radikali li ghandu jwassal ghan-nullita`.

Id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta` assorbita jigu assunti mis-socjeta` l-gdida, li tkun hekk qed tkompli l-personalita` tas-socjeta` amalgamata maghha. Hawn ukoll, dan l-incident hu desiderabbli li jkun rifless fl-okkju, pero`, darba li, mill-*punto di vista* tal-ligi, l-intrapriza li kienet tiggestixxi s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd ghada tezisti fil-kumpanija John Ripard & Son (Shipping) Ltd, mhux kaz ta' "persuna" li ma tezistix, izda li baqghet tezisti f'persuna ohra. Din il-kumpanija giet *struck off* minhabba merger, u mhux ghax ma baqghetx tezisti.

Ghar-rigward tal-ahhar senjalazzjoni, dik taht paragrafu (v), il-posizzjoni mhux daqshekk cara. Din is-socjeta` giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju mill-ewwel Qorti, izda l-appellanti Valletta Freight Services Ltd u United Arab Shipping Co. qed jitolbu, fost id-diversi talbiet li ressqu, li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fejn illiberat lis-socjeta` konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-gudizzju u minflok issib lill-istess socjeta` wkoll responsabbli fil-konfront tas-socjeta` attrici. Ma jistax jinghad, allura, li din is-socjeta` ma fadliliex interess fil-kawza, u la darba s-

socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Ltd iddikjarat li m'ghadhiex agent ta' Norasia Lines, jekk din is-socjeta` mhux registrata hawn Malta, min ghandu interess irid jara' kif is-sitwazzjoni tigi regolarizzata. Dan, pero`, ma jwassalx ghan-nullita` tal-Atti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **"Fenech noe v. Cassar Pullicino noe"**, deciza fit-18 ta' Dicembru 2009, ic-cirkostanza li parti, konxja ta' bdil tal-posizzjoni taghha f'kawza, ma tissollevax dan lill-ewwel Qorti, jippreKludiha milli tipprova tiehu vantagg min-nuqqas ta' senjalazzjoni ta' dik il-bidla. Intqal a propositu illi:

*"Jigi finalment puntwalizzat li kien biss wara li nghataw iz-zewg sentenzi u sar l-appell li s-socjeta` appellanti talbet l-estromissjoni taz-zewg socjetajiet. Ghalkemm inghad li s-socjeta` appellanti kienet gabet a konjizzjoni tal-ewwel Qorti l-fatt li dawn iz-zewg socjetajiet kienu gew struck off, hija ma ghamlet ebda eccezzjoni u lanqas eccezzjoni ulterjuri biex tikkontesta l-kontinwazzjoni tal-presenza taz-zewg kumpanija fil-proceduri una volta li dawn kienu gew struck off. L-appellanti ma jistghux jippretendu illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jitolbu li z-zewg socjetajiet jigu estromessi meta huma accettaw li jippartecipaw pjenament fil-proceduri u meta dan il-punt qatt ma fforma kontroversja quddiem l-ewwel Qorti."*

Fid-dawl tal-premess, la s-sentenza tal-ewwel Qorti u lanqas ir-rikorsi u r-risposti tal-appell li tressqu wara dik is-sentenza ma jistghu jitqiesu nulli, salv li, min ghandu interess, jitlob il-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti ta' quddiem din il-Qorti, biex issa l-okkju jirrispekkja s-sitwazzjoni attwali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kwistjoni trattata f'din is-sentenza billi tichad l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Novembru 2008, u tal-atti kollha sussegwenti.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu bin-nofs bejn l-Intrapriza ta' Malta u s-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Ltd.

Il-kawza hija differita ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------